MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 606/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Stephen u Graziella mizzewgin Garzia (I.D nri. 366478(M) u 136584(M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 22 ta' Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt in atti Nutar Dottor Ian Castaldi Paris, datat fl-10 t'Awwissu 2005 (Dok. "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Stephen u Graziella mizzewgin Garzia;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Stephen u Graziella mizzewgin Garzia fis-somma ta' mija u hamest elef, mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€105,191.71) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Stephen u Graziella mizzewgin Garzia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B 1” sa “B 3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen u Graziella mizzewgin Garzia; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Stephen u Graziella mizzewgin Garzia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-atturi *nomine* jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fil-25 ta' April 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen u Graziella mizzewgin Garzia: -

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt,

(b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Stephen u Graziella mizzewgin Garzia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Stephen u Graziella mizzewgin Garzia jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamest elef, mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€105,191.71) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Stephen u Graziella mizzewgin Garzia mal-Bank of Valletta p.l.e. (Dok. "Bl sa B3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fil-25 ta' April 2007 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat li r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu milli jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci;

Rat ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti moghtija bl-affidavit.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2009 u li l-intimati gew imsejhin diversi drabi u baqghu ma dehrux.

Ezaminat l-atti tar-rikors u tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------